MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 88/2007

Simon Portelli

Vs

Direttur tar-Registru Pubbliku

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-4 ta’ Settembru 2007 mill-attur fejn ippremetta li:

L-attur twieled fir-Rabat, Ghawdex fl-erbgha (4) ta’ Settembru tas-sena elf disgha mija u wiehed u sebghin (1971) u l-att tat-twelid tieghu gie registrat fir-Registru Pubblku ta’ Ghawdex bin-numru progressiv mitejn u sitta u tletin tas-sena elf disgha mija u wiehed u sebghin (236/1971).

Fl-istess att tat-twelid isem omm l-attur gie mnizzel bhala Marelene u dan minkejja li fl-att tat-twelid taghha bin-numru progressiv tmien mija u erbatax tas-sena elf disgha mija u wiehed u hamsin (814/1951) isimha huwa mnizzel bhala Mary Carmela u dan kif jidhr mill-kopja tal-att tat-twelid.

Rat ir-risposta guramentata prezenttata mill-konvenut (fol. 15) li permezz taghha ddikjara li m'huwiex jopponi ghat-talba ta' l-attur u jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju tal-Qorti.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat:-

1. Mid-dokumenti ezebiti mill-attur jirrizulta li fic-certifikat tat-twelid tieghu, isem ommu gie mnizzel hala Marelene meta fl-att tat-twelid ta' ommu isimha jidher bhala Mary Carmela. Ghalhekk it-talba ta' l-atur tigi gustifikata u l-korrezzjoni mitlubaser tigi awtorizzata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba tal-attur u tawtorizza korrezzjoni fl-att tat-twelid tieghu bin-numru ta' iskrizzjoni numru 236/1971 fis-sens li fil-kolonna Isem u kunjom, l-isem ta' l-omm "Marelene" ghandu jigi sostitwit bl-isem "Mary Carmela".

Fl-ahharnett tordna lir-Registratur sabiex tibghat kopja legali tas-sentenza lill-konvenut fit-terminu stipulat fl-Artikolu 256 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex tkun tista' ssir il-korrezzjoni mitluba.

Spejjez jibqghu minghajr taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------